MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 202/1997/1

**Saviour Camilleri**

**vs**

**Stones Hotels Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Din il-kawza tikkoncerna kontestazzjoni dwar hlas u esekuzzjoni ta' appalt xoghol ta' "*interior design*" f'lukanda.

Il-Qorti sejra tipproduci testwalment is-sentenza tal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fl-10 ta' Jannar 2000 billi fiha hemm migjuba t-talba tal-attur, il-kontestazzjoni tal-kontro parti, il-fatti saljenti tal-kawza, il-motivazzjoni tal-ewwel Qorti li tichad l-eccezzjonijiet u tilqa' t-talba attrici. Din is-sentenza tghid hekk:

"Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni presentata fit-28 ta' Jannar 1997 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi huwa ppresta s-servizz tieghu lill-konvenut ghall-"*interior design*" fil-lukanda *The Diplomat Hotel*; illi ghal dan ix-xoghol il-partijiet ftehmu fuq prezz ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) li l-konvenut kellu jhallas lill-attur hekk kif jispicca x-xoghol; illi l-attur wettaq ix-xogholijiet kif miftiehem u ta' dan fadallu jiehu minghand l-konvenut bilanc ta' elf lira (Lm1,000); illi l-konvenut, ghalkemm interpellat diversi drabi, biex jhallas baqa' inadempjenti; illi dan id-debitu tal-konvenut fil-konfront ta' l-attur huwa cert, likwidu u skadut ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif l-istess attur jikkonferma fid-dikjarazzjoi guramentata u li fil-fehma tieghu il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti; talab li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf lira (Lm1000).
2. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni.

Bl-interessi u bl-ispejjez legali, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' Mejju 1996, tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju 1996 u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru presentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur, kif ukoll id-dokument minnu ezebit.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Frar 1997 li permezz tieghu awtorizzat lill-konvenut jikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fil-11 ta' Marzu 1997 li permezz taghha ecepixxa:-

1. Illi d-domandi attrici, kif u kontra min formulati huma nsostenibbli u ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur stante li l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur tieghu. Fil-fatt il-konvenut mhux il-legittimu kontradittur tieghu. Fil-fatt il-konvenut Victor Vella personalment ma jezercitax ebda kummerc u lanqas ma huwa l-proprjetarju tal-Lukanda *The Diplomat Hotel*, kif allegat fic-citazzjoni. Il-lukanda hija proprjeta` ta’ socjeta` kummercjali b’responsabbilita` limitata. Il-firma li hemm fuq id-dokument SC1 hija dik tal-*manager* tal-lukanda u mhux tal-konvenut.

2. Fil-mertu u bla pregudizzju ghal premess illi comunque l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut stante li l-istess attur ma ghamel ebda supervizjoni ta’ xejn fl-esekuzzjoni tax-xoghol maghmul fil-lukanda u kwindi ma ghandux dritt ghal dak li qieghed jippretendi.

3. Inoltre l-attur thallas ta’ kollox tas-servizzi minnu resi stante li kien jithallas “*in kind*” billi jixtri oggetti minghand socjeta` ohra immexxija minn Victor Vella u bi ftehim bejniethom, l-ammont attwalment dovut lill-attur kien qieghed jigi kumpensat mal-valur ta’ l-istess oggetti.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta’ April 1998 li permezz tieghu laqghat it-talba ta’ l-attur ghall-korrezzjoni billi l-konvenuti gew sostitwiti bil-konvenut *Stones Hotels Limited.*

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti mill-kontendenti u tan-noti ta’ osservazzjonijiet.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tas-27 ta’ Ottubru 1999 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-attur huwa di professione "*interior designer*". Bhala tali kien gie inkarigat mis-socjeta` konvenuta, tramite d-direttur Victor Vella, sabiex jipprepara d-disigni kollha mehtiega ghal "*finish*" tal-"*Bedroom suites, corridors and all Public areas*" tal-lukanda "*Diplomat Hotel*" u dana in forza ta' kuntratt tad-9 ta' Novembru 1989. Fost dawn ix-xogholijiet kien hemm inkluza "*conference hall*" izda sabiex il-ftuh tal-lukanda ma jigix ritardjat, is-sidien ordnaw li x-xogholijiet f'din is-sala ma jsirux u jigu posposti ghal data ohra.

Fl-1995 l-attur rega gie inkarigat sabiex jipprepara d-disigni mehtiega sabiex isir ix-xoghol f'din il-"*conference hall*" u wara li huwa ssottometta "*quotation*" ghal *working drawings, colour scheme* u *supervision* fl-ammont ta' Lm1,200, din giet accettata mis-socjeta` konvenuta u x-xoghol sar tramite s-socjeta` FXB.

L-attur thallas biss is-somma ta' Lm200 mill-ammont minnu quotat u approvat u b'dawn il-proceduri qed jitlob li s-socjeta` konvenuta tigi kundannata thallas il-bilanc. Da parti tas-socjeta` konvenuta qed jinghad li l-ammont reklamat mill-attur mhux dovut billi (a) dan ma ghamilx is-"*supervision*" tax-xogholijiet u (b) li fi kwalunkwe kaz l-attur thallas "*in kind*".

Ikkunsidrat:-

Ma hemmx dubbju, kif irrizulta ampjament waqt il-gbir tal-provi, li:-

1. L-attur issottometta disinji ghal dan ix-xoghol.
2. Li dawn id-disinji gew approvati mis-socjeta` konvenuta.
3. Li x-xoghol li sar mis-socjeta` FXB sar, hlief ghal xi alterazzjonijiet zghar dwar aperturi, *finish* tal-hitan u *lighting fittings*, a bazi tad-disinji sottomessi mill-atturi.
4. Illi l-alterazzjonijiet kollha saru b'ordni specifika tas-socjeta` konvenuta minghajr ma gie konsultat l-attur.
5. Illi x-xoghol komplut kien a sodisfazzjon tas-socjeta` konvenuta.

"*Supervision*"

Il-konvenut huwa kuntent bix-xoghol li sar a bazi tad-disinji tal-attur, b'dana kollu jsostni li ma ghandu jhallas ebda ammont kif reklamat ghax l-attur naqas li jaghmel is-*supervision* mehtiega. Dwar dan id-dmir ta' l-attur, li jirrizulta ukoll mid-dokument SC1, hemm kontestazzjoni billi filwaqt li l-attur jghid li huwa mar diversi drabi fuq il-post, Victor Vella, ghas-socjeta` konvenuta, jsostni l-oppost u cioe` li huwa qatt ma rah fuq il-post tax-xoghol. Il-persuni li hadmu fuq il-post tax-xoghol huma ukoll in konflitt billi min jghid li qatt ma rah u min jghid li rah.

Issa tenut kont tal-fatt li rrizulta li x-xogholijiet, hlief ghal dawk fuq imsemmija u li gew mibdula mill-istess socjeta` konvenuta, saru a bazi tad-disinji sottomessi mill-attur u x-xoghol gie approvat, din il-Qorti ma tarax ir-rilevanza jew il-portata ta' din l-eccezzjoni. Li skop ta' *supervision* huwa li jigi zgurat li x-xoghol li qed isir, isir sewwa u skond disinji approvati. Jekk wiehed jattendix kuljum jew saltwarjament huwa irrilevanti kemm-il darba finalment x-xoghol jsir tajjeb. L-eccezzjoni tal-konvenut kien ikollha rilevanza kieku x-xoghol sar hazin jew mhux skond id-disinji. Ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

Hlas "*in kind*".

B'din l-eccezzjoni s-socjeta` konvenuta qed tissottometti li l-attur ma fadallu jiehu xejn ghax huwa gia` thallas ta' dak li kien gie kkuntrattat jaghmel billi gie moghti servizzi jew xtara oggetti minghajr ma hallas minghand l-istess socjeta` konvenuta jew socjetajiet ohra immexxija mill-istess Victor Vella.

Din l-eccezzjoni mhiex korretta inkwantu skond ix-xhud Cortis, *Manager* tal-Lukanda, hemm ammont bilancjali dovut lill-attur ghalkemm inqas minn dak minnu pretiz. Izda jigi rilevat ukoll li din l-eccezzjoni tikkontradici dak li gie sottomess fl-ewwel eccezzjoni billi, jew l-attur ma ghandu jiehu xejn ghax ma ghamilx "*supervision*" jew thallas kollox skond il-ftehim.

Izda apparti dan ghandu jigi rilevat li din l-eccezzjoni, li wara kollox, tammonta ghal eccezzjoni ta' tpacija, ma tistax tigi akkolta ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok kull ammont li gie addebitat lill-attur huwa jew kien dovut precedentement ghall-iffirmar tal-kuntratt tat-22 ta' Gunju 1995 u ghalhekk ma jistax jigi marbut ma' ammont dovut in forza ta' din l-iskrittura. Fit-tieni lok t-tpacija ma tistax tigi kunsiderata inkwantu l-effetti jew servizzi moghtija lill-attur kienu hekk moghtija minn socjetajiet differenti minn dik konvenuta u ghalhekk ma jirrikorrux l-elementi tat-tpacija.

Illi mwarrba l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma jidhirx li hemm oggezzjonijiet ohra ilghala t-talba attrici m'ghandhiex tigi akkolta billi l-ammont jirrizulta bhala dovut in atti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta tilqa` t-talba attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju 1996, u f'kaz li din mhux notifikata, mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta".

**II. <u>L-APPELL</u>**

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza billi sostniet li giet aggravata bil-mod kif gew apprezzati l-provi u ghalhekk talbet li dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, tichad it-talba tal-attur u tilqa' l-eccezzjonijiet taghha.

L-attur, wiegeb dettaljatament fir-risposta tieghu ghal dak li sottomettiet is-socjeta` konvenuta fl-appell taghha, u talab li l-appell jigi michud u s-sentenza appellata tigi kkonfermata billi hija gusta.

**III. <u>KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI</u>**

1. Il-fatti tal-kawza huma sostanzjalment impostati sewwa fis-sentenza appellata u ghalhekk ma hemmx bzonn li jigu

ripetuti. Jinghad biss li skond l-iskrittura tat-22 ta' Gunju 1995 gie miftiehem "inter alia" li l-prezz tal-appalt kellu jkun Lm1200 waqt li l-appalt kellu jikkonsisti fil-produzzjoni da parti tal-attur tal-*working drawings*, "*colour schemes*" u s-supervizjoni tax-xoghol li kellu jigi esegwit fil-"*Conference Hall*" tal-Lukanda *The Diplomat Hotel* tas-Sliema.

2. Ir-rikors tal-appell fih analizi minuzjuza tal-provi kollha intizi biex isahhu t-tezi tas-socjeta` konvenuta – fi ftit kliem din qeghdha tikkontesta l-pretensjoni tal-attur billi tallega li huwa in parti kien thallas "*in kind*" billi inghata servizz jew xtara oggetti minghajr hlas minghand socjeta` ohra appartenenti lis-sidien tas-socjeta` konvenuta. Kontestazzjoni ohra tas-socjeta` konvenuta tikkonsisti fl-allegazzjoni li l-attur ma ghamel l-ebda supervizjoni waqt l-esekuzzjoni tax-xoghol mill-kuntrattur u ghalhekk ma ghamilx ix-xoghol kollu li kellu jaghmel. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha li hemm migbura fil-process u qieset sewwa dak kollu li jinghad fir-rikors ta' l-appella u fir-risposta tal-appellat. Dana sabiex din il-Qorti ta' revizjoni tezamina l-apprezzament u l-valutazzjoni li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet ta' l-istess provi li ressqu l-partijiet, li in parti kienu konfliggenti.

4. Bhala regola din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li taghmel il-Qorti ta' l-ewwel istanza, billi bhal ma gara f'dan il-kaz hija tkun "ghexet" il-process fis-sens li l-istess process ikun "twieled", ikun gie "iffurmat" u jkun "immatura" taht il-harsien ta' dik il-Qorti. Dik il-Qorti ghalhekk setghet tinnota l-komportament tal-partijiet u tax-xhieda waqt li dawn kienu qieghdin jixhdu – vantagg li dina l-Qorti generalment ma jkollhiex. Pero`, din il-Qorti xorta wahda ghandha d-dover li tezamina sewwa l-provi prodotti mill-partijiet sabiex tiggudika jekk l-apprezzament tal-provi sarx b'mod korrett mill-Qorti tal-ewwel istanza u biex jekk tara li saret xi ingustizzja manifesta hija tkun tista' tirrimedja ghaliha.

5. Fil-kaz odjern jidher li l-ewwel Qorti sostanzjalment ghamlet apprezzament korrett tal-provi u tal-ligi applikabbli inkwantu jikkoncerna il-kontestazzjoni tas-

socjeta` konvenuta li ppruvat "tpaci" id-dejn taghha mal-attur bi kreditu li allegat li hemm kontrieh. Ghalhekk din il-parti tas-sentenza appellata hemm lok li tigi konfermata.

6. Mhux l-istess jinghad, pero`, ghal dik il-parti tas-sentenza li titratta dwar il-kontestazzjoni l-ohra tas-socjeta` konvenuta li biha qeghdha tallega li l-attur ma esegwiex ix-xoghol kollu li skond il-ftehim kellu jaghmel billi naqas li jaghmel is-supervizzjoni tieghu fil-kors tax-xogholijiet esegwiti mill-kontratturi.

7. Ghalkemm l-attur stqarr li din is-supervizzjoni fil-fatt ghamilha, pero` il-preponderanza tal-provi juru proprju l-kuntrarju. Ma jfissirx li qatt ma mar fuq il-lant tax-xoghol, izda din il-Qorti irradikat fiha l-fehma li s-supervizjoni fil-fatt kellu jaghmilha Victor Vella, cioe` dirigent tad-*Diplomat Hotel*, ghaliex l-attur naqas li jesegwixxi din il-parti tax-xoghol li intrabat li jaghmel. Naturalment dan seta` jsir ghaliex il-"*working drawings*" li rrediga l-attur kienu bizzejjed spjegati u precizi sabiex il-kuntrattur seta jesegwixxi xogholu fuq il-bazi taghhom, u dan huwa fattur li certament imur a vantagg tal-attur. Pero`, il-fatt li ma saritx supervizjoni adegwata mill-attur johrog car mill-provi specjalment mill-fatt li saru diversi kambjamenti, li jissemmew fir-rikors tal-appell, li ma humiex riflessi fil-"*working drawings*" u li evidentement l-attur ma kienx jaf bihom. Dawn il-kambjamenti, ghalkemm ma humiex ta' natura sostanzjali, pero` jwasslu biex jikkoroboraw it-tezi tas-socjeta` konvenuta li s-supervizzjoni da parti tal-attur kienet pjuttost fjakka jekk mhux adirittura kwazi inezistenti.

8. Is-sentenza appellata ma accettax l-eccezzjoni relattiva tas-socjeta` appellanti billi qalet "inter alia" hekk:-
"Jekk wiehed jattendix kuljum jew saltwarjament huwa irrelevanti kemm-il darba finalment x-xoghol jsir tajjeb. L-eccezzjoni tal-konvenut kien ikollha relevanza kieku x-xoghol sar hazin jew mhux skond id-disinji. Ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha".

Ir-rikors ta' l-appell jikkumenta hekk dwar din is-silta:
"Huwa minnu illi d-direttur tas-socjeta` konvenuta, ossija Victor Vella, kien sodisfatt mix-xoghol li gie esegwit pero`

dan ix-xoghol gie esegwit mhux mill-attur izda mill-haddiema tal-FXB u inoltre kien soddisfatt ukoll ghaliex kien hu stess li issorvelja ix-xoghol mill-a saz-zeta. Kieku ma kienx ghall-fittaggni, fis-sens tajjeb tal-kelma, tal-istess proprjetarju tal-lukanda, ix-xoghol ma kienx ikun sorveljat b'ebda mod u kwindi ix-xoghol ma kienx ikun sar tajjeb jew a sodisfazzjoni tieghu. Bir-ragunament tal-ewwel Qorti, f'dik l-eventwalita`, kien jitwieled id-dritt tal-konvenut nomine li ma jhallasx lill-attur. Huwa hawn fejn l-ewwel Qorti ippekkat. Bir-rispett kollu il-Qorti akkreditat lill-attur b'xoghol ta' supervizjoni meta attwalment dan ma sarx minnu. Per gunta u konsegwenza ta' dan ir-ragunament il-konvenut nomine gie ikkundannat ihallas lill-attur ghal servizzi li huwa qatt ma irrendilu, sia pure li kien hekk obbligat li jaghmel ai termini tal-ftehim ta' bejniethom".

9. Din il-Qorti tinklina li taccetta dana l-argument tas-socjeta` kovenuta u ghalhekk din l-eccezzjoni hemm lok li tintlaqa`.

10. Dan igib il-konsegwenza li ghandu jkun hemm tnaqqis fis-somma dovuta bhala hlas lill-attur biex tikkompensa ghax-xoghol ta' supervizzjoni li rrizulta li m'ghamilx. Din il-kawza ilha sitt snin pendenti u ma jixraqx li tkompli tiddewwem billi l-atti jintbaghtu lill-ewwel Qorti sabiex hija tikkalkola – a bazi ta' perizja teknika – kemm ghandu jkun tali tnaqqis. Minflok, a skans ta' telf ta' hin u ta' hafna spejjez din il-Qorti "arbitrio boni viri" sejra tnaqqas is-somma ta' Lm200 (mitejn lira) biex taghmel tajjeb ghal dan ix-xoghol ta' supervizjoni li kellu jaghmel l-attur u li din il-Qorti sabet li fil-fatt ma ghamlux sewwa.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' in parti l-appell, billi tilqa' it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk tnaqqas is-somma ta' Lm200 mill-ammont mitlub mill-attur u fil-kumpament tikkonferma s-sentenza appellata billi ghalhekk tikkundanna s-socjeta` konvenuta li thallas lill-attur is-somma ta' Lm800 (tmien mitt lira) bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni odjerna. L-ispejjez kemm dawk ta' l-ewwel istanza u kemm dawk ta' din l-istanza jithallsu kwantu ghal 20% (ghoxrin fil-mija) mill-attur u kwantu ghal 80% (tmenin fil-mija) mis-socjeta`.

---------------------------------TMIEM---------------------------------